Il-Kunsill Nazzjonali Tal-Ktieb

National Book Council
Kumpless Bice Mizzi Vassallo
Triq Arnhem
Pembroke PBK1776
Malta EU

+356 27131574
matthew.borg@ktieb.org.mt

**Il-biljett tiegħek għad-dinja tal-kotba - Il-powster tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2022**

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb (KNK) bi pjaċir jippreżenta l-powster uffiċjali tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2022, li dis-sena se jsir bejn l-Erbgħa 23 u l-Ħadd 27 ta' Novembru fiċ-Ċentru għall-Fieri u l-Konvenzjonijiet (MFCC) f'Ta' Qali.

Il-powster ta' din l-edizzjoni huwa illustrat u ddisinjat mill-awtur u l-illustratur tat-tfal Gattaldo, u jdur ma' tema li tmur lura għal żmien l-għerien - ir-rakkont tal-istejjer bis-saħħa tal-istampi u l-immaġni. Il-powster fih għadd ta' figuri mqegħdin wara xulxin li flimkien għandhom storja xi jgħidu, qishom bħal f'komik silenzjuż. Il-protagonist fil-powster jiltaqa' mal-kotba, u bis-saħħa t'hekk jara d-dinja minn perspettivi ġodda, iħoss li l-kotba qed ikellmuh u jsir parti mill-istejjer. L-ewwel kotba li niltaqgħu magħhom huma appuntu, kotba tat-tfal bl-istampi, u għalkemm nassoċjaw ktieb mal-kliem, it-tpinġijiet u l-istampi kkomunikaw mal-bniedem ferm qabel il-kliem.

Il-powster tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2022 iweġġagħ sehem l-istampi u l-illustrazzjonijiet fil-ħajja tal-qarrejja, minn xbihat li jqanqlu emozzjonijiet varji fuq il-qoxra tal-ktieb u jipperswaduna nintilfu fl-istorja, sa ġeneri li għandhom fil-qalba tagħhom ir-rakkont tal-istorja bl-istampi bħala arti letterarja. Il-promozzjoni tal-illustraturi u d-disinjaturi grafiċi hija parti mill-ħidma tal-KNK li biha qed jinħolqu sinerġiji ġodda ma' entitajiet differenti li minnhom jibbenefikaw l-imsieħba fl-industrija tal-kotba. Fost seminars u taħditiet oħra dwar il-professjonijiet differenti fl-industrija, dis-sena l-Festival se jospita l-esebizzjoni 'minn illustrazzjoni għal ktieb', f'kollaborazzjoni mal-Kunsill Malti tal-Arti u l-MCAST.

L-ilustratur Gattaldo ħadem fl-Ewropa kollha ma' Art Direction fil-qasam tar-reklami u l-fotografija. Bħalissa jgħix Londra, u xogħlu ġie ppubblikat fit-Renju Unit u l-Istati Uniti. Il-verżjoni bil-Malti tal-ktieb tiegħu għat-tfal *Fearless* se tkun ippubblikata lejn l-aħħar tas-sena minn Midsea Books. Bħala mistieden tal-Festival, Gattaldo se jiltaqa' mal-pubbliku f'għadd ta' attivitajiet li se jkollu mat-tfal u professjonisti tal-industrija.

Dis-sena hemm aktar minn 50 esebitur waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb, mifruxin fuq 8,000 metru kwadru ta' art, li fuqha se jkun hemm ukoll inħawi fejn isiru l-attivitajiet. Il-post huwa aċċessibbli għal kulħadd, u m'hemmx problema ta' parkeġġ.

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb jibqa' kommess li jipprovdi l-aħjar esperjenza b'mod sigur għall-viżitaturi. Fil-ġimgħat li ġejjin se nkunu qed inħabbru l-mistiedna lokali u internazzjonali tal-Festival, kif ukoll il-programm tal-attivitajiet.

Drittijiet miżmuma għall-illustrazzjonijiet u l-branding minn Gattaldo.

*Żur is-sit tal-KNK u l-paġna tal-Facebook għall-aħħar aġġornamenti dwar il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2022.*

National Book Council
Bice Mizzi Vassallo Complex
Arnhem Road
Pembroke PBK1776
Malta EU

+356 27131574
matthew.borg@ktieb.org.mt

**Your free ticket to the planet of books - The poster of the 2022 Malta Book Festival**

The National Book Council is proudly presenting the official poster of the 2022 Malta Book Festival, taking place Wednesday 23 - Sunday 27 November at the Malta Fairs & Conventions Centre (MFCC), Ta' Qali.

This year's poster is illustrated and designed by children's author and illustrator Gattaldo around a theme that dates back to the cave dweller - visual storytelling. The Festival poster tells a story through images arranged sequentially, like in a silent comic. An encounter with a book engages our protagonist and gives them a new perspective. They relate to the story and become it. Drawings and paintings predate the written word by millennia. Throughout our lives books are more commonly associated with words, and yet the very first books we encounter as children are picture books.

The 2022 Malta Book Festival poster is an ode to the pictures and illustrations that enrich books throughout our reading lives, from alluring images on front covers persuading us to lose ourselves in the stories within to the genres that have made visual storytelling a literary art. The spotlight on the role of illustrators and graphic designers forms part of the NBC's renewed commitment to create synergies with a number of entities to draw up new initiatives for the benefit of all publishing industry stakeholders. Among other initiatives, seminars and keynotes many publishing professions, the Festival will feature a 'from illustration to book' exhibition, created in collaboration with Arts Council Malta and MCAST and taking place at the MFCC for the duration of the Festival.

Gattaldo has worked in Art Direction in advertising and photography throughout Europe. He currently lives in London, and his work was published in the UK and the US. The Maltese-language version of his children's book *Fearless* will be published at the end of 2022 by Midsea Books. A guest at the Festival, Gattaldo will engage with the public in a number of events with children and publishing stakeholders alike.

Returning to the Malta Fairs and Convention Centre (MFCC), Malta's largest international conference and exhibition venue, this year's Malta Book Festival will be boasting a record number of more than 50 exhibitors. Over 8,000 square metres of space is being dedicated to exhibition areas for publishers, booksellers and NGOs, and activity areas for the numerous book presentations and discussions, while providing visitors with full accessibility and hassle-free parking.

The National Book Council remains committed to ensuring the safest possible experience for visitors. In the coming weeks and months the National Book Council

will be announcing the Festival's local and international guest authors, and the Festival's events programme catering for audiences of all ages.

Illustrations and branding copyright with: Gattaldo.

*Follow our website and Facebook page for further updates about the 2022 Malta Book Festival.*